MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## JOSEPH BONNICI

Seduta tas-7 ta' Frar, 2006

Talba Numru. 1349/2004

**Mifsud Alfred**

**Vs**

**Saliba John u Rose**

It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-25 ta’ Gunju 2004 fejn l-attur talab sabiex il-konvenuti ihallsu s-somma ta’ Lm569.05 (hames mija disgha u sittin Lira Maltin u hames centezmi) dovuti ghall-servizzi rezi.

Fl-Avviz tat-talba intqal li:-

Is-somma ta’ hames mija, disgha u sittin lira u hames centezmi (Lm569.05) prezz ta’ materjal a mano d’opera ghal xoghol ta’ plumbing mahdum mill-attur fuq inkariku tal-konvenuti fil-fond “Andromeda” Triq Richard Taylor, Iklin bejn Dicembru 2003 u Jannar 2004.

Bl-imghaxijiet u l-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra bonarja tat-13 ta’ Frar 2004 kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta fejn inghad:-

1. Fuq inkarigu tal-konvenuti, l-attur ghamel xoghol ta’ plumbing fil-fond “Andromeda”, Triq Richard Taylor, l-Iklin.
2. Ghall-appalt, l-attur qed jippretendi hlas ta’ Lm569.05c waqt li l-ammont attwalment dovut lilu huwa erba` mitt lira (Lm400).
3. Il-konvenuti offrew lill-attur pagament ghas-saldu ta’ Lm400 izda l-attur ma accettax il-hlas.
4. Fl-24 ta’ Frar 2004, il-konvenuti ghamlu depositu kontra l-attur ta’ dan l-ammont ta’ Lm400 taht l-Awtorita` tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) permezz ta’ cedola ta’ depozitu nru. 379/04.
5. Fl-eventwalita` li dan it-Tribunal jiddeciedi li l-ammont dovut lill-attur huwa Lm400, il-konvenuti m’ghandhom ibatu ebda spejjes gudizzjarji.

Sema` x-xhieda u ezamina d-dokumenti.

Ikkonsidra:

Illi l-partijiet ma huma qeghdin jaqblu fuq xejn, lanqas fuq semplici granet u hin meta effettivament sar ix-xoghol, u liema xoghol kellu jsir u b’liema prezz.

Illi jirrizulta li l-versjoni kif mghotija mill-attur taghmel aktar sens u hija verosimili. Huwa bniedem tas-sengha u esperjenza. L-istima originali kienet ta’ tlett mija u hamsin liri Maltin (Lm350). Is-somma mghotija mill-konvenut hija ta’ mija u hamsin (Lm150) – hemm differenza ta’ mitejn Lira Maltin (Lm200). Huwa komuni li man mano x-xoghol jibda’ jinqalghu cirkostanzi li jinbidel u / jew jizdied. Hekk gara f’dan il-kaz ukoll bhal hafna ohrajn – zdied ghal hames mija u disa’ u sittin Lira Maltin u hames centezmi (Lm569.05) differenza ta` mitejn u dsatax-il Lira Maltin u

hames centezmi (Lm219.05). Hekk kif tlesta x-xoghol, il-konvenut hallsu mill-ewwel – kif ghandu jkun! Meta rritornat Malta l-konvenuta li ma qabdlitx mal-kont u waqqfulu c-cheque! Il-konvenuta ma pprezentatx ruhha bhala kwalifikata fix-xoghol tal-elettriku u plumbing. Lanqas ma gie prodott da parti tal-konvenuti xi stima professjonali minn terza persuna kwalifikata biex jissodaw il-pretensjoni taghhom. Pero` huwa kurjuz li mill-stima originali tal-konvenuti ta’ mija u hamsin Lira Maltin (Lm150) huma kienu biss disposti li jhallsu tlett mija u hamsin lira (lm350) – zieda ta’ mitejn Lira Maltin (Lm200) – ekwivalenti ghax-xoghol/spejjes extra u ekwivalenti ghall-istima originali tal-attur!
Kontrarjament, awmentaw l-istima taghhom b’hamsin Lira Maltin (Lm50) biex jaghlqu l-pendenza. Minn mija u hamsin Lira Maltin (Lm150) ghal erba’ mitt Lira Maltin (Lm400) hemm qabza ta’ mitejn u hamsin Lira Maltin (Lm250). Ix-xoghol maghmul u spejjes minfuqa mill-attur gew accettati mill-konvenuti. Ma kellhom l-ebda dritt jestimawlu x-xoghol/spejjes tieghu!

Fin-nuqqas tal-partijiet li l-ftehiem jigi redatt bil-miktub qabel jibda’ x-xoghol – pero` fil-verita` tal-hajja dana ma jsir qatt!

Billi l-ammont mitlub huwa gustifikat, allura l-fatt li l-konvenuti ddepozitaw is-somma minnhom pretiza li ghandha tithallas ma taghmel l-ebda stat ta’ fatt fil-konfront tal-attur.

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talbiet attrici, jichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u jikkundannhom jhallsu s-somma ta’ hames mija u disgha u sittin Lira Maltin u hames centezmi (Lm569.05) lill-attur, bl-ispejjes u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------